



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Jannar 2017
(OR. en)

15797/16

LIMITE

RC 12

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0272 (NLE)

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati għal ftehim dwar kooperazzjoni fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Ġappun

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati
mal-Gvern tal-Ġappun għal ftehim dwar kooperazzjoni
fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Ġappun**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari

l-Artikoli 103 u 352, flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi jenħtieġ li jinfetħu negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż ftehim bejn il-Gvern tal-Ġappun dwar kooperazzjoni fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tiftaħ negozjati mal-Gvern tal-Ġappun għal ftehim li jżid dispożizzjonijiet mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Ġappun dwar kooperazzjoni fuq attivitajiet antikompetittivi¹ dwar l-iskambju ta' evidenza f'investigazzjonijiet dwar il-kompetizzjoni fuq bażi reċiproka.
2. In-negozjati għandhom jitmexxew fuq il-bażi ta' direttivi ta' negozjar tal-Kunsill stipulati fl-addendum għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni hija b'dan nominata bħala n-negozjatur tal-Unjoni.

¹ ĠU L 183, 22.7.2003, p. 12.

Artikolu 3

In-negozjati għandhom isiru f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Kompetizzjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
